RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Mejju 2009

dwar l-implimentazzjoni ta' prinċipji għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta f'applikazzjonijiet li jużaw l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3200)

(2009/387/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 211 tiegħu,

Wara li kkonsultat lis-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) L-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID) hija żvilupp ġdid fis-Soċjetà tal-Informazzjoni, li fiha, l-oġġetti b'tagħmir mikroelettroniku li jistgħu jipproċessaw id-dejta b'mod awtomatiku se jkomplu jsiru dejjem aktar parti integrali mill-ħajja ta' kuljum.

(2) L-RFID qed issir dejjem aktar komuni, u għalhekk qed issir ukoll parti mill-ħajja tal-bniedem f'diversi oqsma bħal dawk tal-loġistika [1], tal-kura tas-saħħa, tat-trasport pubbliku, tal-kummerċ bl-imnut, b'mod partikolari biex tittejjeb is-sikurezza tal-prodotti u għall-ġbir aktar malajr ta' prodotti li jeħtieġu li jitneħħew mis-suq, id-divertiment, ix-xogħol, il-ġestjoni tat-taxxi tat-toroq, l-immaniġjar tal-bagalji, u d-dokumenti tal-ivvjaġġar.

(3) It-teknoloġija RFID tista' ssir forza ġdida li twassal għal aktar xogħol u impjiegi, u b'hekk tagħti kontribut qawwi għall-Istrateġija ta' Liżbona, peress li għandha potenzjal kbir f'termini ekonomiċi, fejn tista' toħloq opportunitajiet ġodda ta' kummerċ, tnaqqis fl-ispejjeż u żieda fl-effiċjenza, b'mod partikolari fil-mod ta' kif jiġi indirizzat l-iffalsifikar u fil-ġestjoni tal-iskart elettroniku (e-waste), tal-materjali perikoluż u fir-riċiklaġġ ta' prodotti fi tmiem il-ħajja tagħhom.

(4) It-teknoloġija RFID tippermetti l-ipproċessar ta' dejta, inkluż ta' dejta personali, fuq distanzi qosra mingħajr il-ħtieġa ta' kuntatt fiżiku jew ta' interazzjoni viżiva bejn it-tagħmir li jaqra jew dak li jirrekordja u t-tikketta, b'mod li din l-interazzjoni tista' sseħħ mingħajr ma jkun jaf biha l-individwu konċernat.

(5) L-applikazzjonijiet RFID jistgħu jipproċessaw dejta dwar persuna fiżika identifikata jew jew identifikabbli, fejn persuna fiżika tiġi identifikata direttament jew indirettament. Jistgħu jipproċessaw dejta personali li tkun maħżuna fit-tikketta, bħal ma huma l-isem, id-data tat-twelid jew l-indirizz tal-persuna jew dejta bijometrika jew dejta li tassoċja numru speċifiku ta' oġġett RFID ma' dejta personali li tkun maħżuna x'imkien ieħor fis-sistema. Barra minn hekk, din it-teknoloġija tista' tintuża fil-monitoraġġ ta' individwi li jkollhom oġġett wieħed jew aktar b'numru speċifiku ta' oġġett RFID.

(6) Peress li t-teknoloġija RFID tista' tkun kemm kullimkien kif ukoll prattikament inviżibbli, fl-applikazzjoni tagħha għandha tingħata attenzjoni partikolari għal kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' dejta u ta' privatezza. Konsegwentement, fl-applikazzjonijiet RFID għandhom jiġu inkorporati karatteristiċi ta' sigurtà tal-informazzjoni qabel ma l-użu tagħhom jinfirex ħafna (il-prinċipju ta' "sigurtà u privatezza permezz tad-disinn").

(7) L-RFID ikun jista' biss iwassal l-għadd kbir ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali tiegħu jekk ikun hemm miżuri fis-seħħ li jkunu effettivi għall-protezzjoni tad-dejta personali, tal-privatezza u l-prinċipji etiċi assoċjati, li huma fatturi essenzjali għad-dibattitu dwar l-aċċettazzjoni tal-RFID mill-pubbliku.

(8) L-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom, speċjalment f'din il-fażi inizjali ta' implimentazzjoni tal-RFID, biex jiżguraw li l-applikazzjonijiet RFID jiġu mmonitorjati u li d-drittijiet u l-libertà tal-individwi jiġu rrispettati.

[1] COM(2007)607 finali

(9) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2007, "l-Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (RFID) fl-Ewropa: Passi lejn qafas ta' politika" [1] ħabbret li, permezz ta' Rakkomandazzjoni waħda jew aktar, il-Kummissjoni kienet se tagħti kjarifikazzjonijiet u gwida dwar l-aspetti tal-applikazzjonijiet RFID relatati mal-protezzjoni tad-dejta u mal-privatezza.

(10) Id-drittijiet u l-obbligi li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' dejta personali u l-moviment liberu tat-tali dejta, kif provdut mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [2] u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) [3] huma applikabbli bis-sħiħ għall-użu tal-applikazzjonijiet RFID li jipproċessaw dejta personali.

(11) Il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u t-tagħmir terminali tat-telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [4] għandhom jiġu applikati fl-iżvilupp tal-applikazzjonijiet RFID.

(12) L-Opinjoni tas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta [5] tipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu ttrattati dawk il-prodotti li jkun fihom tikketti li jingħataw lill-individwi u jħeġġeġ li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-privatezza u s-sigurtà biex jiġu identifikati u żviluppati "l-aqwa tekniki disponibbli" għas-salvagwardja tal-privatezza u s-sigurtà ta' sistemi RFID.

(13) L-operaturi ta' applikazzjonijiet RFID għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li d-dejta ma tkunx relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli permezz ta' kwalunkwe mezz li x'aktarx jista' jintuża mill-operatur tal-applikazzjoni RFID jew minn kwalunkwe persuna oħra, sakemm it-tali dejta ma tiġix ipproċessata b'konformità mal-prinċipji applikabbli u r-regoli legali dwar il-protezzjoni tad-dejta.

(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2007 dwar "il-Promozzjoni tal-Protezzjoni tad-Dejta b'Teknoloġiji li jtejbu l-Privatezza (PETs)" [6] tistabbilixxi azzjonijiet ċari biex jintlaħaq l-għan li l-ipproċessar tad-dejta personali jiġi mnaqqas kemm jista' jkun u li, fejn possibbli, jintużaw id-dejta anonima u l-psewdonimi billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-PETs u l-użu tagħhom mill-kontrolluri tad-dejta u l-individwi.

(15) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2006 "Strateġija għas-Sigurtà tas-Soċjetà tal-Informazzjoni 'Djalogu, sħubija u responsabbilizzazzjoni'" [7] tirrikonoxxi li d-diversità, it-trasparenza, l-interoperabbiltà, l-użu u l-kompetizzjoni huma fatturi importanti għas-sigurtà tas-Soċjetà tal-Informazzjoni, tenfasizza r-rwol li għandhom l-Istati Membri u l-amministrazzjonijiet pubbliċi biex itejbu l-għarfien u jippromwovu prattiki tajbin fil-qasam tas-sigurtà, u tistieden lill-partijiet interessati mis-settur privat biex jieħdu inizjattivi li jwasslu għal skemi taċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà bi prezz li jista' jintlaħaq għal prodotti, proċessi u servizzi li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-privatezza.

(16) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2007 [8] dwar strateġija għas-sigurtà tas-soċjetà tal-informazzjoni fl-Ewropa tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu l-attenzjoni xierqa għall-ħtieġa li jipprevjenu u jikkumbattu t-theddid ġdid u eżistenti għas-sigurtà tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

(17) Qafas, li jiġi żviluppat fuq livell Komunitarju, għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni jiġu segwiti b'mod koerenti mill-Istati Membri kollha. L-iżvilupp ta' qafas ta' dan it-tip għandu jkun ibbażat fuq prattiki attwali u fuq l-esperjenzi miksuba fi Stati Membri, f'pajjiżi terzi u fix-xogħol li twettaq mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni (ENISA) [9].

(18) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, fuq livell Komunitarju, jiġu żviluppati linji gwida dwar il-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni għall-applikazzjonijiet RFID, abbażi tal-prattiċi attwali u l-esperjenzi miksuba fi Stati Membri u f'pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għal dak il-proċess u jħeġġu lill-entitajiet privati u lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipparteċipaw.

(19) Valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta li titwettaq mill-operatur qabel ma tiġi implimentata xi applikazzjoni RFID għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għat-teħid ta' miżuri ta' protezzjoni xierqa. Jeħtieġ li dawn il-miżuri jiġu mmonitorjati u riveduti tul il-ħajja kollha tal-applikazzjoni RFID.

(20) Fis-settur tal-kummerċ bl-imnut, il-valutazzjoni tal-impatti tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta ta' prodotti li jkollhom tikketti u li jinbiegħu lill-konsumaturi għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi deċiż jekk hemmx theddida għall-privatezza jew għall-protezzjoni ta' dejta personali.

---

[1] COM(2007)96 finali
[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[3] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
[4] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.
[5] ĠU C 101, 23.4.2008, p. 1.
[6] COM(2007)228 finali
[7] COM(2006)251 finali
[8] ĠU C 68, 24.3.2007, p. 1.
[9] L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1).

(21) L-użu ta' standards internazzjonali, bħal dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), il-kodiċijiet tal-imġieba u l-aħjar prattiki li huma konformi mal-qafas regolatorju tal-UE jista' jgħin fil-ġestjoni tal-miżuri ta' protezzjoni tal-privatezza u s-sigurtà tal-informazzjoni fil-proċess kummerċjali kollu li l-RFID tagħmel possibbli.

(22) L-applikazzjonijiet RFID li jkollhom konsegwenzi għall-pubbliku ġenerali, bħall-biljetti elettroniċi fit-trasport pubbliku, jeħtieġu miżuri ta' protezzjoni xierqa. L-applikazzjonijiet RFID li jaffettwaw lill-individwi minħabba l-ipproċessar, pereżempju, id-dejta bijometrika ta' identifikazzjoni jew id-dejta relatata mas-saħħa, huma partikolarment kritiċi fir-rigward tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-privatezza, u għalhekk, jeħtieġu attenzjoni speċifika.

(23) Jeħtieġ li s-soċjeta, kollha kemm hi, tkun konxja dwar l-obbligi u d-drittijiet applikabbli fir-rigward tal-użu ta' applikazzjonijiet RFID. Għaldaqstant, il-partijiet li japplikaw din it-teknoloġija għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu, lill-individwi, b'informazzjoni dwar l-użu ta' dawn l-applikazzjonijiet.

(24) It-trawwim ta' għarfien fost il-pubbliku u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) dwar il-karatteristiċi u l-kapaċitajiet tal-RFID għandu jgħin biex din it-teknoloġija tilħaq il-potenzjal ekonomiku tagħha u fl-istess ħin jittaffew ir-riskji li l-RFID tintuża bi ħsara għall-interessi tal-pubbliku, u b'hekk issir aktar aċċettabli.

(25) Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod dirett u indirett, billi tiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni fost il-partijiet interessati, b'mod partikolari permezz tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u s-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka (FP7) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

(26) Ir-riċerka u l-iżvilupp, fil-livell Komunitarju, dwar teknoloġiji li jżidu l-privatezza u teknoloġiji ta' sigurtà tal-informazzjoni li jkunu rħas hija essenzjali għall-promozzjoni ta' użu aktar wiesa' ta' dawn it-teknoloġiji f'kundizzjonijiet aċċettabbli.

(27) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din ir-Rakkomandazzjoni timmira li tiżgura l-ħarsien sħiħ tal-ħajja privata u familjari, kif ukoll il-protezzjoni tad-dejta personali.

[1] ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.
[2] ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

Ambitu

1. Din ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi lill-Istati Membri bi gwida għad-disinn u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet RFID b'mod legali, etiku, soċjali u politikament aċċettabbli, filwaqt li tirrispetta d-dritt għall-privatezza u tiżgura l-protezzjoni tad-dejta personali.

2. Din ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi gwida dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fl-użu tal-applikazzjonijiet RFID biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttivi 1995/46/KE, 1999/5/KE u 2002/58/KE tiġi mħarsa, fejn applikabbli, waqt l-użu ta' dawn l-applikazzjonijiet.

Definizzjonijiet

3. Għall-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(a) "l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju" (RFID), tfisser l-użu ta' mewġ elettromanjetiku radjanti jew akkoppjament tal-kamp reattiv fil-porzjon tal-ispettru korrispondenti għall-frekwenzi tar-radju biex isseħħ komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet ma' tikketta permezz ta' diversi sistemi ta' modulazzjoni u kodifikazzjoni sabiex tinqara, b'mod ċar, l-identità tat-tikketta ta' frekwenza tar-radju jew xi dejta oħra li tkun fiha;

(b) "tikketta RFID" jew "tikketta", tfisser tagħmir RFID li jkollu l-kapaċità jipproduċi sinjal bil-frekwenza tar-radju jew tagħmir RFID li jerġa' jakkoppja, jifrex lura jew jirrifletti (skont it-tip ta' tagħmir) u jimmodula sinjal "carrier" riċevut minn tagħmir li jaqra jew li jirrekordja;

(c) "tagħmir RFID li jaqra jew li jirrekordja" jew "tagħmir li jaqra", tfisser tagħmir fiss jew mobbli li jsib u jidentifika d-dejta bl-użu ta' mewġ elettromanjetiku ta' frekwenzi tar-radju u akkoppjament ta' kamp reattiv biex jistimula u jipproduċi rispons ta' dejta modulata minn tikketta jew grupp ta' tikketti;

(d) "applikazzjoni RFID" jew "applikazzjoni", tfisser applikazzjoni li tipproċessa d-dejta permezz tal-użu ta' tikketti u tagħmir li jaqra, u li jkollha l-appoġġ ta' sistema back-end u infrastruttura ta' komunikazzjoni b'netwerk;

(e) "operatur ta' applikazzjoni RFID" jew "operatur", tfisser il-persuna fiżika jew legali, l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew kwalunkwe entità oħra, li, waħidha jew flimkien ma' oħrajn, tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi li bihom titħaddem l-applikazzjoni, inkluż il-kontrolluri ta' dejta personali li jużaw l-applikazzjoni RFID;

(f) "sigurtà tal-informazzjoni", tfisser il-preservazzjoni tal-konfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni;

(g) "monitoraġġ", tfisser kwalunkwe attività li titwettaq għall-għan ta' detezzjoni, osservazzjoni, ikkuppjar jew irrekordjar ta' lokalizzazzjoni, moviment, attività jew stat ta' individwu.

Valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-industrija, b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti tas-soċjetà ċivili, tiżviluppa qafas għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Dan il-qafas għandu jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni, lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Dejta stabbilit skont l-Artikolu 29, fi żmien 12-il xahar mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 95/46/KE:

(a) iwettqu valutazzjoni tal-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' dejta personali u l-privatezza, inkluż jekk l-applikazzjoni tistax tintuża għall-monitoraġġ ta' individwi. Il-livell ta' dettall tal-valutazzjoni għandu jkun xieraq għar-riskji possibbli għall-privatezza li huma assoċjati mal-applikazzjoni;

(b) jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta personali u tal-privatezza;

(c) jinnominaw persuna jew grupp ta' persuni responsabbli għar-reviżjoni tal-valutazzjonijiet biex jaraw li l-miżuri tekniċi u organizzattivi jibqgħu xierqa tant li jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza;

(d) jagħmlu l-valutazzjoni disponibbli għall-awtorità kompetenti mill-anqas sitt xhur qabel ma l-applikazzjoni tibda tintuża;

(e) meta l-qafas għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta jkun disponibbli kif stipulat fil-punt 4, jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq f'konformità ma' dan il-qafas.

Sigurtà tal-informazzjoni

6. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni biex tidentifika dawk l-applikazzjonijiet li jistgħu joħolqu theddid għas-sigurtà tal-informazzjoni b'konsegwenzi għall-pubbliku ġenerali. Fil-każ ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jiżviluppaw skemi ġodda, jew japplikaw skemi eżistenti, bħal ma huma ċ-ċertifikazzjoni u l-awtovalutazzjoni tal-operatur, sabiex juru li jkun ġie stabbilit livell xieraq ta' sigurtà tal-informazzjoni u protezzjoni tal-privatezza fir-rigward tar-riskji valutati.

Informazzjoni u trasparenza fl-użu tal-RFID

7. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-kontrolluri tad-dejta, skont id-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jiżviluppaw u jippubblikaw, għal kull applikazzjoni tagħhom, politika ta' informazzjoni li tkun konċiża, preċiża u faċli li tinftiehem. Il-politika għandha tinkludi tal-anqas:

(a) l-identità u l-indirizz tal-operaturi,

(b) l-għan tal-applikazzjoni,

(c) liema dejta għandha tiġi pproċessata mill-applikazzjoni, b'mod partikolari jekk tkun se tiġi pproċessata dejta personali, u jekk il-lok tat-tikketti hix se tiġi mmonitorjata,

(d) sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta,

(e) ir-riskji probabbli għall-privatezza, jekk ikun hemm, li huma assoċjati mal-użu tat-tikketti fl-applikazzjoni u l-miżuri li l-individwi jistgħu jieħdu biex inaqqsu dawn ir-riskji.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jieħdu passi biex jinfurmaw lill-individwi dwar il-preżenza ta' tagħmir li jaqra abbażi ta' sinjal Ewropew komuni, żviluppat mill-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' Standardizzazzjoni, bl-appoġġ tal-partijiet interessati kkonċernati. Dan is-sinjal għandu jinkludi l-identità tal-operatur u l-punt ta' kuntatt minn fejn l-individwi jkunu jistgħu jiksbu l-politika ta' informazzjoni għall-applikazzjoni.

Applikazzjonijiet RFID li jintużaw fil-kummerċ bl-imnut

9. Abbażi ta' sinjal Ewropew komuni, żviluppat mill-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' Standardizzazzjoni, bl-appoġġ tal-partijiet interessati kkonċernati, l-operaturi għandhom jinfurmaw lill-individwi dwar il-preżenza ta' tikketti li jitqiegħdu fuq il-prodotti jew li jiġu inkorporati fihom.

10. Meta jwettaq il-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta msemmija fil-punti 4 u 5, l-operatur ta' applikazzjoni għandu jiddetermina, b'mod speċifiku, jekk it-tikketti li jitqiegħdu fuq prodotti jew li jiġu inkorporati fi prodotti li jinbiegħu lill-konsumatur mill-bejjiegħa bl-imnut li mhumiex operaturi ta' dik l-applikazzjoni jirrappreżentawx theddida possibbli għall-privatezza jew għall-protezzjoni tad-dejta personali.

11. Il-bejjiegħa bl-imnut għandhom jiddiżattivaw jew jirtiraw mill-bejgħ dawk it-tikketti li jintużaw fl-applikazzjoni tagħhom sakemm il-konsumaturi, wara li jkunu ġew mgħarrfa dwar il-politika msemmija fil-punt 7, ma jkunux taw il-kunsens tagħhom li jħallu t-tikketti jibgħu operattivi. Id-diżattivazzjoni tat-tikketti għandha tinftiehem bħala proċess li jwaqqaf dawk l-interazzjonijiet bejn tikketta u l-ambjent tagħha li ma jeħtiġux l-involviment attiv tal-konsumatur. Id-diżattivazzjoni jew l-irtirar ta' tikketti min-naħa tal-bejjiegħ bl-imnut għandha ssir mill-ewwel u mingħajr spejjeż għall-konsumatur. Il-konsumaturi għandhom ikunu kapaċi jivverifikaw li d-diżattivazzjoni jew l-irtirar mis-suq isiru b'mod effettiv.

12. Il-punt 11 mhux applikabbli fil-każ li l-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta tikkonkludi li t-tikketti li jintużaw f'applikazzjoni ta' bejgħ bl-imnut u li jibgħu operattivi wara li jseħħ il-bejgħ ma jirrappreżentawx theddida probabbli għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Madankollu, il-bejjiegħa bl-imnut għandhom jagħmlu disponibbli, mingħajr ħlas, kwalunkwe mezz li bih dawn it-tikketti jkunu jistgħu jiġu ddiżattivati jew irtirati mis-suq, immedjatament jew aktar tard.

13. Id-diżattivazzjoni jew l-irtirar ta' tikketti ma għandu jwassal għall-ebda tnaqqis jew tmiem tal-obbligi legali li l-bejjiegħ bl-imnut jew il-manifattur ikollhom lejn il-konsumatur.

14. Il-punti 11 u 12 għandhom japplikaw biss għal bejjiegħa bl-imnut li huma operaturi wkoll.

Azzjonijiet li jrawwmu l-għarfien

15. L-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-industrija, il-Kummissjoni u partijiet interessati oħrajn, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jinfurmaw u jrawwmu l-għarfien fost l-awtoritajiet pubbliċi u kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, dwar il-benefiċċji u r-riskji potenzjali assoċjati mal-użu tat-teknoloġija RFID. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal aspetti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni u l-privatezza

16. L-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-industrija, l-assoċjazzjonijiet mis-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni u partijiet interessati rilevanti oħrajn, għandhom jidentifikaw u jagħtu eżempji ta' prattika tajba fl-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet RFID biex jinfurmaw u jrawwmu l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, għandhom jieħdu miżuri xierqa, bħal proġetti pilota fuq skala kbira, biex iżidu l-għarfien tal-pubbliku dwar it-teknoloġija RFID, il-benefiċċji tagħha, ir-riskji u l-konsegwenzi tal-użu tagħha, bħala prerekwiżit biex din it-teknoloġija tibda tintuża aktar.

Riċerka u Żvilupp

17. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-industrija, il-partijiet interessati rilevanti mis-soċjetà ċivili u l-Kummissjoni biex jistimulaw u jappoġġaw l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' "sigurtà u privatezza permezz tad-disinn" fi stadju bikri tal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet RFID.

Segwitu

18. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-partijiet interessati kollha li huma involuti fid-disinn u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet RFID fil-Komunità jsiru jaf b'din ir-Rakkomandazzjoni.

19. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard minn 24 xahar minn meta din ir-Rakkomandazzjoni tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dwar l-azzjoni meħuda b'rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni.

20. Fi żmien tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-effikaċja tagħha u l-impatt tagħha fuq l-operaturi u l-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri rrakkomandati fil-punti 9 sa 14.

Id-destinatarji

21. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni
Viviane REDING
Membru tal-Kummissjoni